**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 448/2024**

**Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Keith Micallef**

Illum il-25 ta' Lulju 2024

Il Qorti rat li tressaq Keith Micallef ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Alfred Micallef u Doreen Micallef xebba Busuttil, imwieled Pieta' Malta nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (1991), residenti fond numru 12, Sqaq Toni Bajada, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 61491M

U, f' isem ir-Repubblika ta' Malta gie akkuzat talli:

Ghall-habta ta' bejn is-siegha (13:00hrs) ta' wara nofsinhar tal-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) u l-ghaxra u nofs (10:30hrs) ta'

filghodu tas-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) gewwa residenza numru 321, 'Mediterrenea' li tinsab fi Triq ta' Taht l-Irdum, Mellieha u / jew fi bnadi ohra f'dawn il-Giejjer:

1. Ikkommetta serq ta' gojjellerija ghad-dannu ta' Luisa Bonello u / jew ta' xi persuna/i ohra u / jew ta/ xi entita' jew entitajiet ohra u liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeéeddi 1-elfejn tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centeimu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz;

Nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) u fil-granet u fix-xhur ta' qabel:

2. Laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibighhom jew imexxihom u éioe' mutur tal-ghamla Kymco Agility City 125 ta' lewn iswed bin-numru ta' registrazzjoni DBV 562;
3. Saq numru ta' vetturi bil-mutur minghajr ma kellu litenzja tas-sewqan;

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tqis lill-imputat Keith Micallef bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

F'kaz ta' htija ghal reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d-disposizzjoni tal-Artikolu 15A tal-

Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi 1-ligi;

F'kaz ta' htija ghal reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex thaddem kontra 1-hati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 532B u / jew tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi 1-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi;

F'kaz ta' htija, barra milli tapplika 1-piena skont il-ligi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika lArtikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurtà tal-parti leza;

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2024, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Lulju 2024 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.[2]

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat

[1] Folio 3 ta' l-atti processwali
[2] Folio 45 ta' l-atti processwali

effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal nhar il-15 u 16 ta' Mejju 2024 meta l-imputat kien ikkommetta serq liema serq huwa kwalifika bil-valur, lok u l-mezz kif ukoll li laqa ghandu oggetti misruqa u saq vettura bil-mutur minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibhom hatja tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti.

- Fl-atti jinsab il-fedina penali ta' l-imputat aggornata sat-18 ta' Mejju 2024.[3] Illi jirrizulta li l-imputat tul is-snin ikometta diversi reat ta' serq li taghhom instab hati u minjekka d-diversi sentenzi li inghatalu dan baqa qatt ma riforma ruhu u spicca b'fedina penali refrattarja.

- Filwaqt li l-imputat ma ametties fl-ewwel okkazzjoni li seta u fl-iktar stadju bikri xorta ammetta fi stadju kmieni waqt il-gbir tal-provi tal-prosekuzzjoni. Konsegwentement l-ammissjoni tista titqies bhala attenwanti favur l-imputati fic-cirkostanzi tal-kaz u ghandu jibenifika minnha.

- Illi fis-sottomissjonijiet taghha l-prosekuzzjoni talbet il-Qorti tikkunsidra li terga taghti piena alternattiva ghal dik wahda ta' habs u ghandha taghti sentenza sospiza fil-massimu taghha kif ukoll Ordni ta' Trattament sabiex jindirizza l-problema tad-droga li ghandu.

- Id-difiza tabraccja ma din il-posizzjoni u illi filwaqt li din il-Qorti mhix marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet.

- Illi mil-provi ma jirrizultax li l-oggetti misruqa gew ritornati u li whud minn dawn l-oggetti kienu ta' valur sentimentali ghal parte civile. Illi l-vittmi ma gewx kompensati tal-hsarat li soffrew u ghaldaqstant din il-Qorti sejra taghmel Ordni ta' Kumpens.

- Il-parte civile indikat li l-ammont globali ta' l-oggetti misruqa huwa ta' madwar hamsin u sittin elf Ewro.[4]

- L-imputat huwa recidiv skont l-artikolu 49 u 289 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant din il-Qorti tista meta taghti piena izid l-istess piena bi grad

[3] Dok B, Folio 8-17 ta' l-atti processwali
[4] Folio 40 ta' l-atti processwali

wiehed jew tnejn u f'kaz tat-tielet kundanna jew ohrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

- Illi r-reat ta' attentat ta' serq huwa meqjus aggravat in vista tal-valur, lok u mezz u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena tenut kont ta' l-aggravju u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu kif ukoll ghandha tizdied bi grad skond l-artikoli 278(3) u 280(1)(2) tal-Kodici Kriminali.

- L-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li f'dan il-kaz ghandu tinghata piena karcerajra.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269(g), 278(3), 280(2), 334, 49, 289, 382, 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Keith Micallef **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah piena karceraja ta' tmintax il-xahar li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati, illi fin-nuqqas li jigu ritornati l-oggetti kollha misruqa **ihallas** is-somma ta' hamsa u hamsin elf Ewro (€55,000) lill Louisa Bonello bhala kumpens ta' l-oggetti kollha misruqa fiz-zmien massimu skont il-ligi wara li jiskonta l-piena karcerarja. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet relatati mal-vizzju tad-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' **tlett snin** millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Komunika: Direttur Probation u Parole

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghazzamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq inghad, torbot lill-hati ghal perjodu ta' tlett snin (3) mid-data tar-remissjoni tas-sentenza taht penali ta' tlett elf euro (€3,000).

Il-Qorti b'zieda mal-piena tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tmient (8) ijiem minn wara li jiskonta l-piena karcerarja.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar il-25 ta' Lulju 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**